

**Azzjoni mressqa fis-16 ta' Diċembru 2015 mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA kontra l-Iżlanda****(Kawża E-30/15)**

(2016/C 216/05)

Fis-16 ta' Diċembru 2015 tressqet azzjoni quddiem il-Qorti tal-EFTA kontra l-Iżlanda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, irrappreżentata minn Carsten Zatschler, Clémence Perrin u Marlene Lie Hakkebo, li jaġixxu bħala Aġenti tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, 35 Rue Belliard, 1040 Brussell, il-Belġju.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tiddikjara li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att imsemmi f'punt 15q tal-Kapitlu XIII tal-Anness II għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, (id-Direttiva 2011/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, rigward il-prevenzjoni tad-dħul fil-katina legali tal-provvista ta' prodotti mediċinali falsifikati), kif adattata għall-Ftehim permezz tal-Protokoll 1 tiegħu, u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim, billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa sabiex timplimenta l-Att fiż-żmien preskritt, jew fi kwalunkwe każ billi naqset milli tavża lill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA bih.
2. Tordna lill-Iżlanda tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċedimenti.

*L-isfond legali u fattwali u l-eċċezzjonijiet imressqa bħala sostenn:*

- Din l-applikazzjoni tindirizza n-nuqqas tal-Islanda li tikkonforma, sa mhux aktar tard mill-14 ta' Marzu 2015, ma' opinjoni motivata mogħtija mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fl-14 ta' Jannar 2015 dwar in-nuqqas ta' dan l-Istat li jimplimenta fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tiegħu d-Direttiva 2011/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, rigward il-prevenzjoni tad-dħul fil-katina legali tal-provvista ta' prodotti mediċinali falsifikati, kif imsemmi fil-punt 15q tal-Kapitlu XIII tal-Anness II għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u kif adattat għal dan il-Ftehim permezz tal-Protokoll 1 tiegħu ("l-Att").
- L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tissottometti li l-Iżlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Att u skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim taż-ŻEE billi ma adottatx il-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-Att fiż-żmien preskritt.